MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 32/2003/2

**Carmel Joseph Farrugia**

***Versus***

**L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

F'din il-kawża r-rikorrent qiegħed jitlob rimedju għax qiegħed igħid illi ma tħarisx il-jedd fondamentali tiegħu, imħares taħt l-art. 39(1) u (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] billi, meta akkużat b'reat kriminali, ma tqiesx innoċenti sakemm ma jiġix provat ħati skond il-liġi.

Ir-rikors igħid illi fit-2 ta' Frar 2002 ir-rikorrent kien mixli mill-Pulizija Esekuttiva quddiem il-Qorti tal-Maġistrati illi fid-29 ta' Jannar 2002 ħoloq b'qerq traċċi ta' reat — *hold-up* — fil-fond fi Triq il-Wied, l-Imsida, ġestit mis-soċjetà

*Antsat Limited* bil-ħsieb li jqarraq bl-assikuraturi ta' dik is-soċjetà. Il-Pulizija Esekuttiva kienet ressqet ukoll lil Anthony Farrugia, impjegat tar-rikorrent, mixli bl-istess akkuża.

Waqt is-smigħ tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kontra r-rikorrent u kontra l-impjegat tiegħu, il-prosekuzzjoni iddeċidiet illi l-każ ta' l-impjegat jinfired minn dak tar-rikorrent, u l-Qorti tal-Maġistrati għaddiet biex tagħti s-sentenza fil-każ ta' l-impjegat. Is-sentenza ngħatat fit-30 ta' Ġunju 2003 u qatgħet il-meritu tal-każ qabel ma ngħalqu l-provi tal-prosekuzzjoni kontra r-rikorrent, illi l-każ tiegħu għadu qiegħed jinstema'.

B'hekk, igħid ir-rikorrent, inkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf taħt il-liġi, u nkisret ukoll il-garanzija tal-preżunzjoni ta' l-innoċenza. Ir-rikorrent għalhekk qiegħed jitlob illi din il-qorti (i) tgħid illi bl-għemil tagħhom l-intimati kisru l-artt. 39(1) u (5) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni, u (ii) tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi li jkunu xierqa u meħtieġa biex jitħarsu l-jeddijiet tiegħu.

L-intimati wieġbu illi ma nkiser ebda jedd tar-rikorrent għax il-Kummissarju tal-Pulizija mexxa l-prosekuzzjoni ta' Anthony Farrugia u dik tar-rikorrent għal kollox skond il-proċedura kriminali, u nqeda bis-setgħa li tagħtih il-liġi li jressaq liż-żewġ imputati quddiem il-qorti separatament. Il-fatt illi każ jinstema' qabel ieħor ma jippreġudikax is-smigħ xieraq jew il-preżunzjoni ta' l-innoċenza. Jekk, minkejja dan, lir-rikorrent jidhirlu li waqt is-smigħ il-maġistrat li kien qed jisma' l-każ seta' b'xi mod ippreġudika l-każ tiegħu, seta' jinqeda bir-rimedju ordinarju li jitlob ir-rikuża tal-maġistrat.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża, fil-qosor, ġraw hekk:

Ir-rikorrent u Anthony Farrugia, impjegat tiegħu, kienu mixlija li ħolqu traċċi ta' reat biex iqarrqu bl-assikuraturi. Il-każ kontra Anthony Farrugia kien mifrud minn dak kontra r-rikorrent u, waqt illi l-każ kontra r-rikorrent għadu għaddej, kontra Anthony Farrugia ngħatat sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Ġunju 2003, li kienet konfermata b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-2 t'April 2004.

Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati kienet qagħdet fuq dak li qal Anthony Farrugia meta dan "qal lill-pulizija li

xi ħmistax qabel Carmel Farrugia [ir-rikorrent] qallu biex jagħmlu din il-biċċa xogħol. … … … u fost l-affarijiet l-oħra qal li hu għamel din il-biċċa tax-xogħol biex iżomm l-impjieg tiegħu għaliex beża' li kien ser jitlef il-post tax-xogħol". Fis-sentenza tagħha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali wkoll qalet illi "huwa veru li l-appellant [Anthony Farrugia] aġixxa fuq struzzjonijiet tal-prinċipal tiegħu, u forsi kien hemm ukoll xi ftit ta' axxendent da parti tal-prinċipal fuq l-impjegat, u anke xi biża' da parti ta' l-appellant li jekk ma jagħmilx dak li kien ġie ordnat lilu kien jitlef l-impjieg tiegħu".

B'din il-konklużjoni, igħid ir-rikorrent, għalkemm il-każ kontra tiegħu għadu qiegħed jinstema, hu ma jistax jingħata smigħ xieraq u ma għadux jitqies innoċenti sakemm ikun instab ħati. Għalhekk, ma tħarsux il-jeddijiet fondamentali tiegħu mħarsa taħt l-artt. 39(1) u (5) tal-Kostituzzjoni:

**39.** (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.

(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:

u l-art. 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni:

ARTIKOLU 6

(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. … … …

(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi.

L-ilmenti tar-rikorrent jidher illi huma, essenzjalment, tnejn: (i) illi min sejjer jiddeċiedi dwar il-każ tiegħu ġà iddeċieda illi ħaddieħor għamel l-istess reat għax imġiegħel minnu, u għalhekk il-każ tiegħu ma huwiex sejjer jinstema' quddiem tribunal imparzjali; u (ii) għax saret stqarrija dwar il-ħtija tiegħu waqt li l-każ kontra tiegħu għadu jinstema'.

***DWAR L-IMPARZJALITÀ SOĠĠETTIVA TAT-TRIBUNAL***

Ir-rikorrent ma jidhirx li qiegħed jinsisti wisq dwar l-ewwel ilment tiegħu. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu hu osserva illi "il-kwistjoni kollha fil-każ ta' l-esponent ma tirrigwardax l-indipendenza jew l-imparzjalità, f'sens soġġettiv, tal-Qorti tal-Maġistrati kif presjeduta". Fil-fatt, sewwa qalu l-intimati fit-tweġiba tagħhom illi, jekk it-tribunal li jisma' l-każ kontra r-rikorrent ikun presjedut mill-istess ġudikanti li taw sentenzi fil-każ ta' Anthony Farrugia, ir-rikorrent għandu r-rimedju ordinarju tar-rikuża, u ma hux il-każ li din il-qorti tinqeda bis-setgħa mogħtija lilha biex tagħti rimedju straordinarju taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem, fil-każ ta' **Gillow kontra r-Renju Unit**[1], qalet illi qorti ma titqiesx li ma hijiex imparzjali għax semgħet każ ieħor ta' persuna oħra dwar l-istess fatti.

Fil-fehma ta' din il-qorti, għalhekk, ma hemm ebda ksur tal-jedd tar-rikorrent illi l-każ tiegħu jinstema' u jinqata' minn tribunal imparzjali.

***DWAR IL-PREŻUNZJONI TA' INNOĊENZA***

Ir-rikorrent qiegħed igħid ukoll, iżda, illi l-fatt illi kien hemm stqarrija pubblika dwar il-ħtija tiegħu hija bi ksur tal-preżunzjoni ta' l-innoċenza, u twassal biex kull tribunal li jisma' l-każ tiegħu ma jkunx oġġettivament imparzjali. Qiegħed jistrieħ fuq dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' **Butkevicius kontra l-Litwanja**[2]:

1. The Court recalls that the presumption of innocence enshrined in Article 6 § 2 of the Convention is one of the elements of a fair criminal trial guaranteed by Article 6 § 1. It will be violated if a statement of a public official concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty before he has been proved so according to law. It suffices, even in the absence of any formal finding, that there is some reasoning to suggest that the official regards the accused as guilty.

Il-qorti, iżda, fl-istess paragrafu kienet kompliet qalet hekk:

Nevertheless, whether a statement of a public official is in breach of the presumption of innocence must be

---

1 23 t'Ottubru 1986, Każ 13/1984/85/132, para. 71 *et seq.*.

2 12 ta' Marzu 2002.

determined in the context of the particular circumstances in which the impugned statement was made.

Fil-fatt, fil-każ ta' Butkevicius l-istqarrijiet kienu maħsuba biex jixxandru fil-*media* u ngħataw pubbliċità qawwija. Barra minn hekk, kienu stqarrijiet fejn il-fehma li Butkevicius kien ħati kienet il-materja ewlenija. Għalhekk kellhom l-effett illi jġiegħlu lill-pubbliku jaħseb illi Butkevicius kien ħati qabel ma kien hemm deċiżjoni ta' qorti dwar il-każ tiegħu:

… … … in the Court's opinion they amounted to declarations by a public official of the applicant's guilt, which served to encourage the public to believe him guilty and prejudged the assessment of the facts by the competent judicial authority.

L-istess ġara fil-każ ta' **Allenet de Ribemont kontra Franza**[3] fejn il-Qorti Ewropea osservat illi :

In this case high ranking officers referred to applicant without any reservation or qualification as one of the instigators of a murder and thus as an accomplice in that murder. This was clearly a declaration of the applicant's guilt, which firstly encouraged the public to believe him guilty and secondly prejudged the assessment of the facts by the competent judicial authority.

Ukoll fil-każ ta' **Il-Pulizija *versus* Dr Noel Arrigo *et***[4] il-Qorti Kostituzzjonali sabet li kien hemm ksur tal-preżunzjoni ta' l-innoċenza għax mill-istqarrija tal-Prim' Ministru:

… … … jirrizulta minghajr ebda dubbju illi oggettivament *there is some reasoning to suggest*, lill-pubbliku in generali, illi l-Onorevoli Prim Ministru kien qed jikkonsidra lill-appellanti hatja ta' l-ewwel reat illi bih huma gew akkuzati fil-proceduri kriminali illi fihom saret ir-referenza in kwestjoni.

F'dawn il-każijiet kien hemm ksur tal-preżunzjoni ta' l-innoċenza għax inħoloq il-perikolu illi l-pubbliku, wara li jisma' l-istqarrijiet magħmula minn uffiċjal pubbliku, jasal għal konklużjoni dwar il-ħtija qabel ma tkun ingħatat sentenza minn qorti. Min-naħa l-oħra, fil-każ ta' **Daktaras**

---

3 23 ta' Jannar 1995, Każ 3/1994/450/529.

4 29 ta' Ottubru 2003.

**kontra l-Litwanja**[5], il-Qorti Ewropea sabet li ma kienx hemm ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza għax, għalkemm saret stqarrija minn uffiċjal pubbliku dwar opinjoni ta' ħtija, dik l-istqarrija ma kinitx imxandra lill-pubbliku:

2. The Court notes that in the present case the impugned statements were made by a prosecutor not in a context independent of the criminal proceedings themselves, as for instance in a press conference, but in the course of a reasoned decision at a preliminary stage of those proceedings, rejecting the applicant's request to discontinue the prosecution.

Il-każ tar-rikorrent, għalkemm mhux għal kollox identiku, aktar jixbah, fil-konsiderazzjonijiet relevanti tiegħu, lil dak ta' Daktaras għax fil-każ tar-rikorrent l-istqarrijiet li minnhom qiegħed jilmenta saru fil-kontest ta' proċeduri ġudizzjarji u biss safejn kienu meħtieġa għall-għanijiet ta' dawk il-proċeduri. Għalkemm saru f'sentenza, li minnha nfisha hija dokument pubbliku, ma xxandrux b'dik il-prominenza li twassal lill-pubbliku b'mod ġenerali li jasal għall-konklużjoni dwar il-ħtija tar-rikorrent.

Huwa relevanti wkoll il-fatt illi d-deċiżjoni fil-każ ta' Anthony Farrugia ma torbotx il-qorti li trid tisma' u taqta' l-każ kontra r-rikorrent billi din tagħmel apprezzament indipendenti tax-xhieda li tisma' u tista' tasal għal konklużjoni differenti. Lanqas ma jista' jingħad illi s-sentenza fil-każ ta' Anthony Farrugia tista' "tinfluwenza" lill-qorti li qiegħda tisma' u sejra taqta' l-każ tar-rikorrent; li kien hekk, fi proċeduri fi grad ta' appell ma jista' qatt jingħata smigħ xieraq għax il-qorti li tisma' l-appell tkun "influwenzata" mid-deċiżjoni ta' l-ewwel qorti!

***Konklużjoni***

Fil-fehma ta' din il-qorti, għalhekk, ma kien hemm ebda ksur la tal-jedd tar-rikorrent, imħares taħt l-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni u taħt l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni, għal smigħ xieraq quddiem tribunal imparzjali, u lanqas tal-jedd tiegħu li jitqies innoċenti sakemm ma jiġix provat ħati skond il-liġi, imħares taħt l-art. 39(5) tal-Kostituzzjoni u taħt l-art. 6(2) tal-Konvenzjoni. Għalhekk tiċħad it-talbiet magħmula fir-rikors, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

[5] 19 ta' Settembru 2000.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------